

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-18 ta' Novembru 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-First-tier Tribunal (Tax Chamber) – ir-Renju Unit) – Kaplan International colleges UK Ltd vs The Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs

(Kawża C-77/19) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 132(1)(f) – Eżenzjoni ta' provvista ta' servizzi pprovduti minn gruppi awtonomi ta' persuni lill-membri tagħhom – Applikabbiltà għall-gruppi VAT – Artikolu 11 – Grupp VAT)

(2021/C 28/03)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

First-tier Tribunal (Tax Chamber)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Kaplan International colleges UK Ltd

Konvenut: The Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs

Dispożittiv

L-Artikolu 132(1)(f) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2008/8/KE tat-12 ta' Frar 2008, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-eżenzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni ma hijiex applikabbli għall-provvisti ta' servizzi pprovduti minn grupp awtonomu ta' persuni lil grupp ta' persuni li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala persuna taxxabli waħda, fis-sens tal-Artikolu 11 ta' din id-direttiva, peress li l-membri kollha ta' dan l-aħħar grupp ma humiex membri tal-imsemmi grupp awtonomu ta' persuni. L-eżistenza ta' dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jipprevedu li l-membri rappreżentattivi ta' tali grupp ta' persuni li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala persuna taxxabli waħda għandu l-karatteristiċi u l-istatus tal-membri tal-grupp awtonomu ta' persuni kkonċernat, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-eżenzjoni prevista favur gruppi indipendenti ta' persuni, ma għandha l-ebda effett f'dan ir-rigward.

⁽¹⁾ ĠU C 131, 8.4.2019

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tad-19 ta' Novembru 2020 – Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna vs Chantal Hebberecht

(Kawża C-93/19 P) ⁽¹⁾

(Appell – Servizz pubbliku – Uffiċjali – Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) – Politika ta' rotazzjoni tal-uffiċjali – Post ta' kap tad-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Etjopja – Deċiżjoni li tirrifjuta li testendi l-assenjazzjoni għal din il-pożizzjoni – Interess tas-servizz – Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament – Diskriminazzjoni pożittiva favur is-sess inqas irrappreżentat – Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea)

(2021/C 28/04)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (rappreżentanti: S. Marquardt u R. Spáč, aġenti)

Parti oħra fil-proċedura: Chantal Hebberecht